QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL

B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.

**Illum 26 ta' Ġunju 2025**

**Kawża Numru: 6628/2025**

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Mallia)**

**-vs-**

**Tarquin Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Tarquin Vella** ta' ħamsa u tletin (35) sena, iben Joseph Vella u Maria Margaret nee' Schembri, imwieled il-Pieta' nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u disgħin (1990), residenti fl-indirizz numru tnax (12), Binja Joe Peppinu Cassar, Blokk B, Flat 5B, Triq il-Ħawħ, Kirkop u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0405690(M) li ġie mressaq quddiemha akkużat talli nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) għall-ħabta ta' bejn is-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) u t-tlieta u ħames minuti ta' wara nofs inhar (15:05hrs) u fil-ħinijiet ta' qabel ġewwa l-Pavi Supermarket (C-29878) ta' Triq Manwel Dimech, Ħal Qormi, u/jew dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq sempliċi li ma jeċċedix l-ammont ta' tlieta u għoxrin ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€23.46) għad-detriment ta' Pavi Supermarket (C-29878) u/jew entitajiet, persuni oħra;

2. Irrenda ruħu reċediv b'sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati ta' Malta li saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

3. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr Monica Vella LL.D fid-digriet datat wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u/jew kif sussegwentement ġie emendat, li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta Malta

Rat li l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien sabiex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, u dan fil-preżenza tal-avukat difensur tiegħu, din il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qiegħed jinstab ħati, il-fedina penali tal-imputat, kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Qieset ukoll l-ammissjoni bikrija tal-imputat, kif ukoll il-fatt li l-valur tal-oġġett misruq huwa ta' għaxar euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€10.95), liema oġġett kien għadu ntatt u jinsab f'idejn il-Pulizija.

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ukoll id-dikjarazzjoni tal-partijiet li qablu li l-imputat għandu problema akuta ta' abbuż ta' droga u li għandu bżonn l-għajnuna, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ma jimmertitawx piena ta' priġunerija.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dina l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 284, 285, 579(2)(3), kif ukoll l-Artikoli 17, 49, 50, 289 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat **Tarquin Vella** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, iżda peress illi fil-fehma tagħha, fil-każ in eżami huwa iktar opportun li jkun hemm sorveljanza ta' l-imputat minn Uffiċjal tal-Probation sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra, partikolarment reati ta' l-istess natura bħar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri, u fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa iktar adatt li jinħareg Ordni ta' Probation fil-konfront ta' l-istess imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tqiegħed lill-imputat taħt **Ordni ta' Probation** <u>għall-perijodu ta' sentejn mill-llum</u>, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qiegħed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni ta' Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta' tali Ordni, huwa jista' jingħata sentenza għar-reat mertu ta' dawn il-proċeduri.

Peress illi l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' droga, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tqiegħed lill-istess imputat taħt **Ordni ta' Trattament** <u>għall-perijodu ta' sentejn dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza</u>, taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Dan l-Ordni ta' Trattament qiegħed jiġi magħmul għall-fini li l-imputat jingħata it-trattament u l-kura kollha meħtieġa, sabiex jirriabilita ruħu mill-vizzju ta' l-abbuż ta' droga.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni tal-istess Ordni ta' Trattament, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta'

mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tordna l-konfiska tal-ammont ta' mitejn ewro (€200), rappreżentanti parti mid-depożitu mpost fid-digriet li permezz tiegħu l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest, minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Monica Vella nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023).

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Il-Qorti qegħda tordna ukoll komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali bil-għan li kopja tagħha tiġi nserita fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Sarah Kathleen Zerafa, Spettur Paul Camilleri, Spettur Darren Buhagiar u Spettur Antonello Magri) -vs- Tarquin Vella.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur